# Il-kunventi tal-Karmelitani f'Malta

**kitba ta'**
**Mario Fenech**



L-ewwel kunventi tal-Ordnijiet tal-Patrijiet li twaqqfu f'Malta kienu twaqqfu dawk fir-Rabat, Malta. L-ewwel wieħed li twaqqaf kien dak tal-Patrijiet Franġiskni Minuri Konventwali fis-sena 1310.

Warajh kien twaqqaf il-Kunvent tal-Patrijiet Karmelitani fis-sena 1370. Dan kien 'il barra mir-Rabat fejn illum huwa magħruf bħala Tal-Lunzjata. Kien ġie ttrasferit għall-Belt l-antika tal-Imdina fis-sena 1659 bil-permess tal-Gran Mastru De Redin u l-Isqof Mons. Balaguer. Imbagħad il-patrijiet bnew il-Knisja tal-Lunzjata li tinsab ftit passi 'l boghod mill-Pjazza tal-Kattidral. Hawnhekk il-patrijiet għandhom wieħed mill-akbar kunventi li għandna fil-Gżejjer Maltin. Waqt it-terremot tat-12 t'Ottubru 1856 kien iġġarraf il-kampnar tal-knisja. Dan kien inbena mill-gdid sena wara.

Fis-sena 1626 ġie mwaqqaf il-Kunvent tal-Patrijiet Karmelitani Skalzi mill-Isqof Mons. Cagliares f'Bormla. Hawnhekk minbarra l-kunvent huma bnew il-Knisja ta' Santa Tereża t'Avila kif ukoll eremitaġġ fejn il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann setgħu jmorru għall-irtiri tagħhom.

Il-kunvent tal-Karmelitani tal-Belt Valletta twaqqaf fis-sena 1573 fi żmien li Gran Mastru Pietro del Monte li kien offra l-art biex timbena l-knisja flimkien mal-kunvent permezz ta' kuntratt li kien sar għand in-Nutar Placido Habel nhar is-27 ta' Lulju 1570. Dak iż-żmien l-Isqof tad-Djoċesi kien Mons. Royas. Kien ħadem biex dan il-kunvent ikun jista' jinfetaħ mill-Mastru Patri Giovanni Vella.

Il-Knisja nbniet fuq il-pjanta tal-Arkitett Ġilormu Cassar, damet timbena 28 sena u tlestiet fis-sena 1608. Il-Knisja li kien fiha għaxar altari ġiet ikkonsagrata nhar is-6 t'April tas-sena 1886 mill-Amministratur Appostoliku Mons.Antonio Buhagiar. Bil-ħidma kontinwa tal-patrijiet biex jinxtered il-kult Karmelitan, il-knisja saret Santwarju Marjan b'digriet maħrug mill-Vatikan nhar id-19 ta' Ġunju 1880. Iċ-ċerimonja tal-inkurunazzjoni tal-kwadru titulari tmexxiet mill-Isqof Carmelo Scicluna nhar il-15 ta' Lulju 1881. Il-Knisja saret Bażilika fit-13 ta' Mejju 1895 bil-bolla tal-Papa Ljun XIII.




Dawn iż-żewġ kunventi tal-Mdina kif ukoll dak tal-Belt, fl-antik, kienu jagħmlu mal-Provinċja ta' Sant'Angelo fi Sqallija u kienu jitmexxew minn hemmhekk. Kien hemm tentattiv biex dawn jinqatgħu minn ma' din il-provinċja fis-sena 1759 iżda dan il-ħsieb ma rnexxiex. Kien b'ordni tal-Gvern Kolonjali Ingliż li dan seħħ fis-sena 1818. Wara dan il-pass ġie maħtur Vigarju Provinċjali li kien idum fil-kariga għal tlett snin.

L-Ewwel Vigarju Provinċjal kien Patri Pier Tommaso Tanti li ha l-kariga eżatt mat-twaqqif tal-Provinċja. Ġie kkomfermat fil-kariga nhar il-11 t'April 1820. Miet fit-13 ta' Diċembru 1823 meta kien għadu jokkupa din il-kariga.

Warajh laħaq Patri Andrea Maria Tanti fit-23 ta' Diċembru 1823 sakemm intemm it-terminu tal-Vigarju Provinċjali ta' qabel. Ha uffiċċjalemt il-kariga nhar it-8 ta' Settembru 1825. Ġie kkonfermat fil-kariga f'Gunju tas-sena 1828 u darbtejn oħra wara u dam sas-sena 1825.

Fil-Birgu l-Patrijiet Karmelitani kienu fetħu l-kunvent tagħhom fis-sena 1611 bil ħidma ta' Patri Ascanio fi żmien l-Isqof Tommaso Gargallo. Ma nafux x'kienet ir-raġuni li dan il-kunvent kien ġie soppress mill-Papa Innocenzo X fis-sena 1652.

Aktar dwar dawn il-kunventi tal-Karmelitani u patrijiet li mexxew b'tant żelu u għaqal il-ħidma tat-tixrid tal-kult Karmelitan fil-ħarġa ta' dan il-programm is-sena d-dieħla.

Il-festa t-tajba lil kullħadd